SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

20 ta' Mejju 2010 *

Fil-Kawża C-160/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' April 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Mejju 2009, fil-proċedura

Ioannis Katsivardas — Nikolaos Tsitsikas OE

vs

Ypourgos Oikonomikon,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, E. Juhász, G. Arestis, T. Von Danwitz (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Marzu 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Ioannis Katsivardas — Nikolaos Tsitsikas OE, minn E. Stamouli u S. Gikas, dikigoroi,

— għall-Gvern Grieg, minn E. Leftheriotou, A. Vasilopoulou u S. Papaïoannou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Valero Jordana u I. Zervas, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fl-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa, u l-Ftehim ta' Cartagena u l-Istati Membri tiegħu — il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù u l-Venezwela — min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' kooperazzjoni"), approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1591/84, tal-4 ta' Ġunju 1984 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 15, p. 162).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Ioannis Katsivardas — Nikolaos Tsitsikas OE (iktar 'il quddiem "Katsivardas"), kumpanija Griega, u l-Ypourgos Oikonomikon (Ministru tal-Finanzi) dwar ir-rimbors ta' somma mħallsa minn Katsivardas bħala dazju tas-sisa fuq il-banana stabbilit f'dak iż-żmien mid-dritt Grieg, wara li kien sar sdoganament ta' kunsinna banana importata mill-Ekwador fl-1993.

Il-kuntest ġuridiku

Il-ftehim internazzjonali

Il-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ

3 Il-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ tal-1994 (iktar 'il quddiem il-"GATT tal-1994"), li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem id-"WTO"), ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80). L-Artikolu 1(a) tal-GATT tal-1994 jipprovdi li huwa jinkludi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ tal-1947 (iktar 'il quddiem il-"GATT tal-1947"), kif rettifikat, emendat jew immodifikat bid-dispożizzjonijiet tal-atti legali li daħlu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

4 Fost dawn id-dispożizzjonijiet tal-GATT tal-1947 riprodotti fil-GATT tal-1994 hemm inkluża, fl-Artikolu 1(1), il-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit, li tipprovdi kif ġej:

"Il-vantaġġi, benefiċċji, privileġġi jew immunitajiet kollha mogħtija minn parti kontraenti lil prodott li joriġina minn jew li huwa destinat lejn kull pajjiż ieħor

għandhom, immedjatament u mingħajr kundizzjoni, jiġu estiżi għall-prodotti kollha simili li joriġinaw minn jew li huma destinati lejn it-territorju tal-partijiet kontraenti l-oħra kollha. Din id-dispożizzjoni tikkonċerna d-dazju doganali u l-impożizzjonijiet ta' kull tip fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni jew li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, kif ukoll dawk imposti fuq it-trasferimenti internazzjonali ta' ħlas ta' importazzjonijiet jew ta' esportazzjonijiet, il-metodu ta' ħlas ta' dawn id-dazji jew taxxi, ir-regoli kollha u l-formalitajiet marbuta mal-importazzjonijiet jew mal-esportazzjonijiet kif ukoll il-kwistjonijiet kollha li huma suġġetti għall-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu III." [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 L-Artikolu III(2) tal-GATT tal-1947 jirreferi għat-taxxi jew impożizzjonijiet oħra interni, filwaqt li l-Artikolu III(4) jirreferi għal-liġijiet, għar-regolamenti jew għar-rekwiżiti li jaffettwaw il-bejgħ, l-offerta għall-bejgħ, ix-xiri, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu ta' prodotti.

Il-ftehim ta' kooperazzjoni

6 Skont l-Artikolu 1 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, li t-test tiegħu huwa parti integrali mir-Regolament Nru 1591/84 li permezz tiegħu ġie approvat dan il-ftehim, "il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li jkabbru, fil-limiti tal-kompetenza tagħhom, il-kooperazzjoni ekonomika l-aktar wiesgħa li minnha l-ebda qasam m'għandu jitħalla barra bil-quddiem, wara li jitqiesu l-livelli differenti tagħhom ta' żvilupp". L-istess dispożizzjoni tipprovdi li l-għanijiet ta' din il-kooperazzjoni għandhom ikunu li "jikkontribwixxu ġeneralment għall-iżvilupp ta' l-ekonomiji rispettivi tal-Partijiet u biex jgħollu l-istandard tagħhom tal-ħajja".

7 L-Artikolu 4 tal-imsemmi ftehim jipprovdi:

"Trattament tan-nazzjon l-aktar favorit

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom, fir-rigward ta' merkanzija importata jew esportata, jagħtu lil xulxin trattament tan-nazzjon[i] l-aktar favorit fil-kwistjonijiet kollha rigward:

— dazji doganali u piżijiet ta' kull tip, inkluż proċeduri għall-ġbir ta' dawk id-dazji u piżijiet,

— regolamenti dwar l-isdoganament, it-transitu, id-depost [il-ħażna] jew it-trasbord,

— taxxi diretti jew indiretti u tibdil ieħor intern [impożizzjonijiet oħra interni],

— regolamenti dwar il-ħlasijiet, inkluz l-allokazzjoni tal-valuta barranija u t-trasferiment ta' dawn il-ħlasijiet,

— regolamenti li jaffettwaw il-bejgħ, ix-xiri, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu ta' merkanzija fuq is-suq intern.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux japplika għal:

a) vantaġġi mogħtija lill-pajjiżi ġirien biex ikun faċilitat it-traffiku taż-żona tal-fruntiera;

b) vantaġġi mogħtija bil-għan li titwaqqaf għaqda doganali jew żona ta' kummerċ ħlieles jew kif meħtieġ minn din l-għaqda doganali jew żona ta' kummerċ ħieles, inkluż vantaġġi mogħtija fil-kuntest ta' żona ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali fl-Amerika Latina;

c) vantaġġi mogħtija lill-pajjiżi partikolari f'konformità [mal-GATT tal-1947];

d) vantaġġi li l-pajjiżi membri tal-Ftehim ta' Kartagena jagħtu lil ċerti pajjiżi skond il-Protokoll fuq in-negozjati tal-kummerċ fost pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-kuntest [tal-GATT tal-1947].

3. Dan l-Artikolu għandu jgħoddu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li jeżistu skond [il-GATT tal-1947]."

8 L-Artikolu 5 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, dwar il-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni, jipprovdi, inter alia, fil-paragrafu 2 tiegħu, li dan għandu jirrakkomanda soluzzjonijiet fil-każ ta' diverġenzi bejn il-partijiet fl-interpretazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim.

9 L-Anness II tal-ftehim ta' kooperazzjoni, intitolat "Dikjarazzjoni ta' Kooperazzjoni Kummerċjali", jipprovdi kif ġej:

"Skond il-kooperazzjoni kummerċjali provduta f'dan il-Ftehim, il-Partijiet jiddikjaraw li huma ppreparati li jeżaminaw, fi ħdan il-Kumitat Konġunt u fil-kuntest tal-politiki ekonomiċi rispettivi tagħhom, kull problema speċifika li tista' tinqala fl-isfera tal-kummerċ."

Il-Ftehim qafas dwar kooperazzjoni

10 Il-Ftehim kwadru [qafas] dwar kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ftehim ta' Cartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu, jiġifieri r-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolombja, ir-Repubblika tal-Ekwador, ir-Repubblika tal-Perù u r-Repubblika tal-Venezwela (iktar 'il quddiem il-"ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni") ġie approvat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/278/KE, tas-7 ta' April 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 28, p. 230).

11 Skont l-Artikolu 2 tal-imsemmi ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, il-partijiet kontraenti jintrabtu li jagħtu ħeġġa ġdida lir-relazzjonijiet ta' bejniethom billi jsaħħu l-iżvilupp tal-kooperazzjoni tagħhom billi jiġi estiż għall-oqsma ġodda ta' kooperazzjoni.

12 L-Artikolu 4 ta' dan il-ftehim qafas jipprovdi:

"Il-Partijiet Kontraenti hawnhekk jagħtu lil xulxin it-trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit fil-kummerċ, skond il-[GATT tal-1994].

Iż-żewġ Partijiet jaffermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jagħmlu kummerċ ma' xulxin skond dak il-Ftehim."

13 L-Artikolu 33(2) tal-imsemmi ftehim qafas jipprovdi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jissostitwixxu lil dawk tal-ftehim preċedenti bejn il-Komunità u l-Istati Membri tal-Ftehim ta' Cartaġena li huma inkompatibbli magħhom jew li huma identiċi għalihom.

Ir-Raba' Konvenzjoni AKP-KEE

14 Ir-Raba' Konvenzjoni AKP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989, ġiet approvata bid-Deċiżjoni 91/400/KEFA, KEE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, tal-25 ta' Frar 1991 (ĠU L 229, p. 1). L-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 5 dwar il-banana, anness ma' din il-konvenzjoni, jipprovdi kif ġej:

"Fir-rigward tal-esportazzjonijiet tiegħu tal-banana lejn il-Komunità, ebda Stat [fost l-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku li jkunu kkonkludew l-imsemmija konvenzjoni (iktar 'il quddiem l-'Istati AKP')] ma jista' jitqiegħed, f'dak li jirrigwarda

l-aċċess għas-swieq u għall-vantaġġi tas-suq, f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik li kien fiha preċedentement jew minn dik li qiegħed fiha attwalment". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Id-dritt nazzjonali

15 L-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 1798/1988, kif emendata bil-Liġi Nru 1914/1990, kien jipprovdi, b'effett mill-1 ta' Lulju 1988, l-applikazzjoni ta' dazju tas-sisa ta' GRD 150 għal kull kilogramma ta' banana importata minn barra, u f'ċerti każijiet, għal banana prodotta fil-Greċja. Sussegwentement, dan id-dazju żdied u mbagħad tnaqqas, qabel ma tneħħa fl-1998.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16 Matul Lulju tal-1993, wara sdoganament ta' kunsinna banana importati direttament mill-Ekwador, Katsivardas intalbet tħallas dazju doganali u taxxi oħra għall-ammont ta' GRD 6 785 565 GRD (EUR 19 913.61), li hija ħallset, filwaqt li madankollu għamlet riżerva fir-rigward tas-somma ta' GRD 4 986 100 li tħallset bħala dazju tas-sisa. Sussegwentement, Katsivardas talbet ir-rimbors ta' din is-somma u tas-sehem korrispondenti tat-taxxa fuq il-valur miżjud, li hija qalet kienet tħallset indebitament.

17 Peress li l-awtorità doganali kompetenti rrifjutat li tirrimborsaha, Katsivardas ippreżentat rikors quddiem id-Dioikitiko Protodikeio Athinon (qorti amministrattiva ta' Ateni), li laqgħet ir-rikors tagħha fir-rigward tal-annullament tal-avviżi

tal-impożizzjoni inkwistjoni u tat-talba għar-rimbors. Madankollu, peress li l-qorti tal-appell bidlet din id-deċiżjoni, Katsivardas appellat fuq punt ta' liġi quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias.

18 Din il-qorti, bil-kontra tar-rikorrenti fl-ewwel istanza, tqis li d-dazju tas-sisa inkwistjoni għandu jiġi kklassifikat bħala taxxa interna fis-sens tal-Artikolu 95 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, li min-naħa tiegħu sar, wara emenda, l-Artikolu 90 KE), u mhux bħala piż ta' effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikoli 9 u 12 tat-Trattat KEE (li saru, rispettivament, l-Artikoli 9 u 12 tat-Trattat KE, li min-naħa tagħhom saru, wara emenda, l-Artikoli 23 u 25 KE). Issa, taxxa interna bħal din tista' tiġi legalment applikata għall-banana importata direttament minn pajjiż terz jekk ma jkunx eskluż trattament fiskali inqas favorevoli minn klawżoli speċifiċi li joriġinaw minn ftehim kummerċjali bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi, bħall-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni.

19 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1995, Chiquita Italia (C-469/93, Ġabra p. I-4533), li tgħid li l-Protokoll Nru 5 dwar il-banana anness mar-Raba' Konvenzjoni AKP-KEE jinkludi dispożizzjoni intiża li tiżgura li l-banana li toriġina minn Stati AKP jkollha aċċess għas-swieq tradizzjonali tagħhom taħt kundizzjonijiet li ma humiex inqas favorevoli minn dawk li kien hemm fl-1 ta' April 1976, meta daħlet fis-seħħ klawżola simili inkluża fil-punt 1 tal-Protokoll Nru 6 dwar il-banana anness mal-Konvenzjoni AKP-KEE ta' Lomé, iffirmat fit-28 ta' Frar 1975 (iktar 'il quddiem il-"klawżola 'standstill'").

20 Minn dan jirriżulta li l-għoti ta' trattament tan-nazzjon l-iktar favorit lill-Istati Membri tal-Ftehim ta' Cartaġena jimplika li l-banana li toriġina minn dawn l-Istati qed tiġi ekwiparata mal-banana li toriġina mill-Istati AĊP. Għalhekk, il-possibbiltà għall-qorti tar-rinviju li tevalwa l-legalità ta' dazju tas-sisa bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk il-ftehim ta' kooperazzjoni, u b'mod partikolari, l-Artikolu 4 tiegħu, jagħtix drittijiet li jistgħu jiġu direttament invokati

minn individwi quddiem il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri, b'mod li Katsivardas tista' tibbaża ruħha fuq dan l-artikolu, moqri flimkien mal-klawżola "standstill", sabiex tikkontesta d-dazju tas-sisa fuq il-banana inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

21 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Van Parys (C-377/02, Ġabra p. I-1465), li tali drittijiet ma jistgħux jiġu dedotti mill-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit inkluża fil-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, konklużż sussegwentement mal-Istati Membri tal-Ftehim ta' Cartagena, u li l-vantaġġi li jirriżultaw mill-Konvenzjonijiet AKP-KEE jikkonċernaw biss il-banana AKP "tradizzjonali", jiġifieri l-banana li toriġina mill-Istati AKP, sal-limitu tal-kwantità annwali importata fl-1 ta' April 1976, b'mod li dawn il-vantaġġi ma jidhrux li jistgħu jiġu estiżi għal banana li toriġina minn pajjiżi oħra.

22 Peress li kkunsidrat, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma tat deċiżjoni rigward il-ftehim ta' kooperazzjoni, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel is-segwenti domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Individwu (importatur importanti [fil-kummerċ] tal-banana [li toriġina] mill-Ekwador) li qed jitlob li jingħata rifużjoni tad-dazju tas-sisa interna, meqjusa minnu li tħallset indebitament, jista', quddiem qorti nazzjonali, jinvoka l-fatt li l-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali (Artikolu 7 tal-Liġi Ellenika Nru 1798/1988, kif emendata bl-Artikolu 10 tal-Liġi Ellenika Nru 14/1990) hija inkompatibbli mal-Artikolu 4 tal-Ftehim [ta' kooperazzjoni]?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

23 Il-Gvern tal-Greċja jikkontesta l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari peress li, minn naħa, din ma għandhiex bħala għan l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, iżda l-kwistjoni li jsir magħruf sa fejn individwu jista' jinvoka l-kontradizzjoni bejn dispożizzjonijiet nazzjonali u att Komunitarju, u, min-naħa l-oħra, ma tispeċifikax liema dispożizzjoni teħtieg interpretazzjoni.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, taħt l-Artikolu 234 KE, li tapplika dispożizzjoni Komunitarja għal kawża partikolari u, għaldaqstant, li tevalwa dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali fid-dawl tad-dispożizzjoni Komunitarja, hija madankollu tista', fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita b'dan l-artikolu u abbażi tal-atti tal-proċess, tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tista' tkun utli għaliha fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-dispożizzjoni (sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, Anomar *et*, C-6/01, Ġabra p. I-8621, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Issa, id-domanda preliminari magħmula fil-kuntest tal-proċeduri preżenti, li tikkonċerna l-possibbiltà għal individwu li jinvoka quddiem qorti nazzjonali l-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fl-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni sabiex jikkontesta l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni fiskali nazzjonali, tikkonċerna l-kapaċità ta' din il-klawżola li jkollha effett dirett għal individwu u, għalhekk, l-interpretazzjoni tagħha.

26 L-imsemmija klawżola tinsab fil-ftehim ta' kooperazzjoni, li ġie approvat f'isem il-Komunità bir-Regolament Nru 1591/84, u għaldaqstant tikkostitwixxi, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita, att li ġie adottat mill-istituzzjonijiet tal-Komunità u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza li tinterpreta fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 1974, Haegeman, 181/73, Ġabra p. 449, punti 4 sa 6; tas-16 ta' Ġunju 1998, Racke, C-162/96, Ġabra p. I-3655, punt 41, kif ukoll tat-22 ta' Ottubru 2009, Bogiatzi, C-301/08, Ġabra p. I-10185, punt 23).

27 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza li hija wkoll stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula minn qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija responsabbli li tiddefinixxi, u li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba ma għandhiex x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod effettiv għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio, C-210/06, Ġabra p. I-9641, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fil-każ ineżami, ir-risposta għad-domanda dwar jekk individwu bħal Katsivardas jistax jinvoka, quddiem il-qrati nazzjonali, l-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, magħmula mill-qorti tar-rinviju, ser tiddetermina jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tistax validament tinvoka l-klawżola "standstill", li fuqha huwa bbażat l-argument li hija tiżviluppa fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-illegalità tad-dazju tas-sisa fuq il-banana stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

29 B'hekk, ma jidhirx b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju hija irrilevanti għall-qorti tar-rinviju.

30 Minn dan jirriżulta li d-domanda preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

31 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni jistax jiġi direttament invokat minn individwu fil-kuntest ta' kawża quddiem il-qrati nazzjonali ta' Stat Membru.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, preliminarjament, li skont il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li għandhom il-kompetenza li jinnegozjaw u jilħqu ftehim ma' pajjiżi terzi, jistgħu liberament jiftiehmu ma' dawn fuq l-effetti li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim għandhom joħolqu fis-sistema legali interna tal-partijiet kontraenti. Huwa biss fil-każ fejn din il-kwistjoni ma hijiex irregolata bl-imsemmi ftehim li l-qrati kompetenti, b'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha skont it-Trattat FUE, għandhom jiddeċiedu dwarha bl-istess mod bħal kull kwistjoni oħra ta' interpretazzjoni relatata mal-applikazzjoni tal-ftehim fl-Unjoni (ara s-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg, 104/81, Ġabra p. 3641, punt 17; tat-23 ta' Novembru 1999, Il-Portugall vs Il-Kunsill, C-149/96, Ġabra p. I-8395, punt 34, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra p. I-6513, punt 108).

33 Għandu jitfakkar ukoll li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-eżami tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fi ftehim konkluż mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi jinvolvi invarjabbilment analiżi tal-ispirtu, tal-istruttura u tat-termini ta' dan il-ftehim (ara s-sentenza Chiquita Italia, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Min-naħa l-oħra, kif osservat il-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta, in-natura tal-att legali li japprova l-ftehim internazzjonali kkonċernat ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' tali eżami. Fil-fatt, kif jirriżulta mis-sentenza tat-30 ta' Settembru 1987, Demirel (12/86, Ġabra p. 3719, punt 25), il-fatt li dispożizzjoni ta' ftehim internazzjonali ġiet approvata jew b'deċiżjoni jew inkella b'regolament ma għandu ebda rilevanza fuq ir-rikonoxximent tal-effett dirett ta' tali dispożizzjoni. Għaldaqstant, għandu

jiġi miċħud l-argument favur l-effett dirett tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit tal-ftehim ta' kooperazzjoni, li ġie ppreżentat minn Katsivardas abbażi tal-fatt li l-ftehim ta' kooperazzjoni ġie approvat b'regolament, filwaqt li l-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni ġie approvat b'deċiżjoni.

35 Fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, bil-kontra ta' dak li jsostni l-Gvern Taljan, il-fatt li dan jinsab fi ftehim ta' kooperazzjoni ma jeskludix, bħala regola ġenerali, il-fatt li individwu jkun jista' jinvokah. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li tali ftehim huwa essenzjalment intiż li jiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi terzi kontraenti billi sempliċement jistabbilixxi kooperazzjoni bejn il-partijiet, mingħajr ma jagħmel riferiment għall-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi fl-Unjoni fil-futur, ma huwiex ta' natura li jipprekludi l-applikabbiltà diretta ta' wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Frar 1976, Conceria Bresciani, 87/75, Ġabra p. 129, punt 23; Kupferberg, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 1991, Kziber, C-18/90, Ġabra p. I-199, punt 21).

36 Madankollu, fil-punt 58 tas-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq, fir-risposta tagħha għal domanda dwar l-interpretazzjoni tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fil-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni li ġie adottat wara l-ftehim ta' kooperazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija klawżola ma setgħetx tiġi invokata minn individwu quddiem qorti ta' Stat Membru. Din l-interpretazzjoni ma hija kkontestata minn ebda persuna kkonċernata li ppreżentat sottomissjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċeduri preżenti.

37 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk jeżistux provi li jistgħu jiċħdu din l-evalwazzjoni tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fil-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fil-ftehim ta' kooperazzjoni.

38 Ċertament, il-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit kif tinsab, minn naħa, fil-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, u, min-naħa l-oħra, fil-ftehim ta' kooperazzjoni, hija mfassla fi kliem differenti. Madankollu, din ir-redazzjoni differenti ma tistax titqies li

hija element li jeħtieġ interpretazzjoni differenti fir-rigward tal-effett dirett possibbli tagħha ħlief sa fejn l-istruttura ġenerali tal-ftehim u l-finalità tiegħu huma prova tarrieda tal-partijiet kontraenti li, permezz ta' din id-differenza fir-redazzjoni, iċaħħdu lill-Artikolu 4 tal-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni mill-effett dirett li kien ġie preċedentement rikonoxxut lill-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni.

39 Issa, il-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu, ma jinkludix karatteristiċi li juru li l-partijiet kontraenti jkunu f'pożizzjoni inqas favorevoli meta mqabbla ma' dik li kienu jkunu fiha bis-saħħa tal-ftehim ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tal-klawżola tat-trattament tan-nazzjon l-iktar favorit.

40 Bil-kontra, fir-rigward l-ewwel nett tan-natura u tal-għan tal-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li dan għandu bħala għan li jġedded u jispeċifika f'iktar dettall l-impenji reċiproċi tal-partijiet kontraenti fil-kuntest tal-ftehim ta' kooperazzjoni. Dan peress li, filwaqt li dawn iż-żewġ ftehim ġew konklużi bejn l-istess partijiet u minkejja li l-implementazzjoni tagħhom taqa' taħt l-istess kuntest istituzzjonali, permezz taż-żamma, skont l-Artikolu 32(1) tal-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, ta' kumitat konġunt u ta' sottokumitati stabbiliti mill-ftehim ta' kooperazzjoni, il-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni jipprovdi kooperazzjoni iktar wiesgħa, fir-rigward tan-numru ta' oqsma kkonċernati, u iktar elaborata, fir-rigward tal-azzjonijiet speċifiċi msemmija.

41 Barra minn hekk, il-bidla tal-isem tal-ftehim ta' kooperazzjoni fi ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni tirriżulta, kif jidher mill-Artikolu 39(1) ta' dan tal-aħħar, mir-rieda tal-partijiet kontraenti li jkollhom il-possibbiltà li jikkompletaw il-ftehim qafas permezz ta' ftehim settorjali jew marbuta ma' attivitajiet speċifiċi, u mhux mir-rieda li jikkonkludu ftehim ta' portata iżgħar.

42 Għaldaqstant, il-paragun bejn dawn iż-żewġ ftehim juri tisħiħ gradwali tal-intensità tal-kooperazzjoni li ntrabtu li jwettqu l-partijiet.

43 Barra minn hekk, kif tfakkar il-Kummissjoni, fil-mument tal-adozzjoni tal-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, l-Istati Membri tal-Ftehim ta' Cartagena ma kinux kollha partijiet kontraenti tal-GATT tal-1947. Issa, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 57 tas-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tal-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, l-intenzjoni tal-partijiet għal dan il-ftehim qafas kienet li s-sistema elaborata fil-kuntest tal-GATT tal-1994 tiġi estiża lill-Istati Membri tal-Ftehim ta' Cartagena, sabiex jibbenefikaw mill-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fl-Artikolu 1(1) tal-GATT, mingħajr ma tinbidel il-portata tagħha. L-istess raġunament japplika fir-rigward tal-ftehim ta' kooperazzjoni, peress li r-redazzjoni tal-Artikolu 4 ta' dan tal-aħħar ma turix, f'dan il-każ, ir-rieda tal-partijiet kontraenti li jagħtu lit-tliet Stati Membri tal-Ftehim ta' Cartagena li għad ma humiex membri tal-GATT tal-1947 konċessjonijiet kummerċjali li jmorru lil hinn minn dawk li kienu taw lill-imsieħba tagħhom tal-GATT.

44 Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tan-nuqqas tal-effett dirett tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit li tinsab fil-ftehim qafas dwar il-kooperazzjoni, hija wkoll valida fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 4 tal-ftehim ta' kooperazzjoni, approvat bir-Regolament Nru 1591/84, ma jagħtix lil individwi drittijiet li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati ta' Stat Membru.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa, u l-Ftehim ta' Cartagena u l-Istati Membri tiegħu — il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù u l-Venezwela — min-naħa l-oħra, approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1591/84, ma jagħtix lil individwi drittijiet li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati ta' Stat Membru.

Firem